

## ADDENDUM GĦAS-SEJĦA GĦAL ESPRESSJONIJIET TA' INTERESS GĦALL-PERSUNAL KUNTRATTWALI

(1) Fil-paġna 2, it-Taqsima 1, il-paragrafu 1 jenftieg li jinqara:

“(1) Din is-Sejħa għal espressjoni ta' interess tikkonċerna l-profil u l-gruppi ta' funzjonijiet li ġejjin:

Nru	Referenza	Profil	Grupp ta' funzjonijiet (FG)
1	EPSO/CAST/P/1/2017	Finanzi	FG III
2	EPSO/CAST/P/2/2017	Finanzi	FG IV
3	EPSO/CAST/P/3/2017	Ġestjoni tal-proġetti / programmi	FG III
4	EPSO/CAST/P/4/2017	Ġestjoni tal-proġetti / programmi	FG IV
5	EPSO/CAST/P/5/2017	Finanzi	FG II
6	EPSO/CAST/P/6/2017	Segretarji/Skrivani	FG II
7	EPSO/CAST/P/7/2017	Amministrazzjoni / Riżorsi umani	FG II
8	EPSO/CAST/P/8/2017	Amministrazzjoni / Riżorsi umani	FG III
9	EPSO/CAST/P/9/2017	Amministrazzjoni / Riżorsi umani	FG IV
10	EPSO/CAST/P/10/2017	Komunikazzjoni	FG III
11	EPSO/CAST/P/11/2017	Komunikazzjoni	FG IV
12	EPSO/CAST/P/12/2017	Affarijiet politiċi / Politiki tal-UE	FG III
13	EPSO/CAST/P/13/2017	Affarijiet politiċi / Politiki tal-UE	FG IV
14	EPSO/CAST/P/14/2017	Liġi	FG III
15	EPSO/CAST/P/15/2017	Liġi	FG IV
16	EPSO/CAST/P/16/2017	Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni	FG III
17	EPSO/CAST/P/17/2017	Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni	FG IV
18	EPSO/CAST/P/18/2017	Ħaddiema manwali u ta' sostenn amministrattiv	FG II
19	EPSO/CAST/P/19/2018	Persunal tal-indukrar tat-tfal	FG II
20	EPSO/CAST/P/20/2018	Psikologi tal-edukazzjoni	FG IV
21	EPSO/CAST/P/21/2019	Qarrejja tal-provi	FG III
22	EPSO/CAST/P/22/2019	Tradutturi	FG IV
23	EPSO/CAST/P/23/2022	Ġestjoni tal-Bini - Aġent tekniku u tal-loġistika	FG II
24	EPSO/CAST/P/24/2022	Ġestjoni tal-Bini - Speċjalist tal-bini	FG III
25	EPSO/CAST/P/25/2022	Ġestjoni tal-Bini - Inġinier/perit	FG IV
26	EPSO/CAST/P/26/2023	Operazzjonijiet ta' sigurtà, inkluża s-sigurtà reġjonali	FG IV
27	EPSO/CAST/P/27/2023	Operazzjonijiet ta' sigurtà, inkluża s-sigurtà reġjonali	FG III
28	EPSO/CAST/P/28/2023	Operazzjonijiet tas-sigurtà	FG II
29	EPSO/CAST/P/29/2023	Sigurtà teknika	FG IV
30	EPSO/CAST/P/30/2023	Sigurtà teknika	FG III
31	EPSO/CAST/P/31/2023	Sigurtà teknika	FG II
32	EPSO/CAST/P/32/2023	Informazzjoni u s-sigurtà tad-dokumenti	FG IV
33	EPSO/CAST/P/33/2023	Informazzjoni u s-sigurtà tad-dokumenti	FG III
34	EPSO/CAST/P/34/2023	Sigurtà tal-IT	FG IV
35	EPSO/CAST/P/35/2023	Sigurtà tal-IT	FG III”

(2) Fl-aħħar tal-Anness I, "Dmirijiet tipiċi", jenħtieġ li jiżdiedu t-taqsimiet li ġejjin:

## **"OPERAZZJONIJIET TA' SIGURTÀ, INKLUŻA S-SIGURTÀ REĠJONALI - FG IV**

### **1. Uffiċjali tas-Sigurtà**

- 1.1. Il-kontribut għat-tfassil u l-iżvilupp ta' politiki ta' sigurtà u tal-linji gwida meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom.
- 1.2. It-tnejn u l-iffaċilitar tat-teħid tad-deċiżjonijiet (maniġerjali u/jew operazzjonali) fil-qasam ta' responsabbiltà tad-dipartiment.
- 1.3. Il-ġestjoni, l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tas-servizz tas-sigurtà operazzjonali (inkluż, fejn applikabbli, il-ġestjoni baġitarja u tal-kuntratti f'oqsma bħall-kuntratti tal-għassa tas-sigurtà jew aspetti oħra relatati mas-servizzi tas-sigurtà operazzjonali).
- 1.4. L-amministrazzjoni u t-tmexxija ta' proġetti speċifiċi.
- 1.5. Il-ġestjoni u l-koordinazzjoni ta' entità operazzjonali ta' rispons ta' emerġenza 24 siegħa kuljum/diżpaċċ tas-sikurezza u s-sigurtà.
- 1.6. L-iżvilupp ta' strateġiji u pjanijiet, u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' għarfien dwar is-sigurtà.
- 1.7. Is-superviżjoni, il-ġestjoni, il-motivazzjoni u l-koordinazzjoni ta' tim sabiex isir l-aħħar użu mir-riżorsi umani u tiġi żgurata l-kwalità tas-servizz.
- 1.8. Il-ġestjoni tar-rispons ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tan-nies, tal-assi jew tal-informazzjoni.
- 1.9. Il-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' sigurtà operazzjonali fil-qasam tal-kontrollintelligenza, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, u l-ġestjoni tal-kriżijiet.
- 1.10. It-twettiq ta' valutazzjoni tat-tneħħid u analiżi tar-riskju fil-qasam tas-sigurtà, inklużi r-rakkomandazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà.
- 1.11. It-twettiq ta' investigazzjonijiet.
- 1.12. L-organizzazzjoni ta' protezzjoni mill-qrib għall-VIP.

### **2. Konsulenti tas-sigurtà reġjonali**

- 2.1. It-tfassil, l-evalwazzjoni u s-superviżjoni tal-użu ta' tagħmir u l-implimentazzjoni ta' proċeduri għas-sigurtà tal-persuni, l-assi u l-informazzjoni.
- 2.2. L-iżgurar ta' kuntatti tajbin mal-awtoritajiet u/jew l-aġenziji u l-iffurmar tar-rabtiet meħtieġa mas-soċjetà ċivili.
- 2.3. Il-parteċipazzjoni f'laqgħat ta' sigurtà organizzati mill-Istati Membri, in-NU u/jew sħab oħra.
- 2.4. L-implimentazzjoni ta' miżuri fl-oqsma tal-proċeduri ta' ġestjoni ta' kriżijiet, inklużi aspetti ta' evakwazzjoni.
- 2.5. L-iżgurar tad-definizzjoni ta' miżuri u s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet fl-oqsma tas-sigurtà tal-persuni, l-assi jew l-informazzjoni.
- 2.6. L-iżgurar tal-kompletezza, il-puntwalità u l-fattibbiltà tal-pjanijiet ta' kontinġenza tad-Delegazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li l-persunal jiġi infurmat u jiġu eżerċitati l-pjanijiet.
- 2.7. L-iżgurar tar-rispett tal-proċeduri ta' sigurtà f'każ ta' kriżi fid-Delegazzjoni tal-UE (u/jew l-Uffiċċju) fi ħdan il-kompetenza ġeografika u s-superviżjoni tal-aġġornament tal-listi tal-persunal espatrijat u l-familji f'każ ta' evakwazzjoni.
- 2.8. Is-sensibilizzazzjoni, l-għoti ta' pariri u t-taħriġ ta' persunal espatrijat u persunal ieħor dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni u sigurtà.
- 2.9. Il-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà u ż-żamma tal-Kwartieri Ġenerali u l-Kaprijiet tad-Delegazzjonijiet (u/jew l-Uffiċċji) fil-qasam tar-responsabbiltà ġeografika infurmati regolament permezz ta' analiżi tas-sitwazzjoni u rapportar bil-fomm u bil-miktub.
- 2.10. It-tnejn u l-aġġornament regolari tal-valutazzjonijiet tat-tneħħid lokali u l-valutazzjonijiet tar-riskju għas-sigurtà, f'pajjiżi taħt responsabbiltà ġeografika. It-tfassil, l-evalwazzjoni u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni.

- 2.11. Il-kontribut għar-rieżami u l-aġġornament ta' politiki, normi u proċeduri relatati mas-sigurtà.
- 2.12. It-twettiq jew il-kontribut għal awditi tas-sigurtà dwar kwistjonijiet speċifiċi.

## **OPERAZZJONIJIET TA' SIGURTÀ, INKLUŻA S-SIGURTÀ REĠJONALI - FG III**

### **1. Uffiċjali tas-Sigurtà**

- 1.1. Il-kontribuzzjoni għar-rispons ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tan-nies, tal-assi jew tal-informazzjoni.
- 1.2. Il-għbir, l-organizzazzjoni u l-analiżi ta' intelligence abbażi ta' sorsi miftuħa, bażijiet tad-*data* u għodod oħra tal-IT.
- 1.3. It-twettiq ta' valutazzjoni tat-theddid u analiżi tar-riskju fil-qasam tas-sigurtà, inkluż l-abbozzar ta' rakkomandazzjonijiet u l-implimentazzjoni ta' miżuri tas-sigurtà.
- 1.4. L-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tas-servizzi tas-sigurtà operazzjonali u tas-servizzi ta' superviżjoni tal-aġenti tas-sigurtà.
- 1.5. Il-koordinazzjoni ta' timijiet operazzjonali ta' rispons ta' emerġenza 24 siegħa kuljum/dispaċers tas-sikurezza u s-sigurtà, l-iżgurar tal-integrità tal-funzjonament tas-servizzi teknoloġiċi u l-kontroll tal-proċessi tekniċi.
- 1.6. Il-parteċipazzjoni fi studji, it-tfassil ta' noti, sommarji u/jew statistiki, it-tnejn ta' proġetti regolatorji.
- 1.7. It-tnejn u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' kriżi tas-sigurtà.
- 1.8. It-tnejn u l-parteċipazzjoni fil-ġestjoni operazzjonali tal-eventi.
- 1.9. Il-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-infurzar fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-aċċess għall-bini u l-użu tal-parkeġġi għall-karozzi.
- 1.10. It-twettiq ta' investigazzjonijiet.
- 1.11. It-twettiq ta' spezzjonijiet ta' kontromiżuri ta' sorveljanza teknika.
- 1.12. Il-forniment ta' servizzi ta' protezzjoni mill-qrib għall-VIP.

### **2. Uffiċjali tas-sigurtà reġjonali**

- 2.1. It-tfassil, l-evalwazzjoni u s-superviżjoni tal-użu ta' tagħmir u l-implimentazzjoni ta' proċeduri għas-sigurtà tal-persuni, l-assi u l-informazzjoni.
- 2.2. L-iżgurar ta' kuntatti tajbin mal-awtoritajiet u/jew l-aġenziji u l-iffurmar tar-rabtiet meħtieġa mas-soċjetà ċivili.
- 2.3. Il-parteċipazzjoni f'laqgħat ta' sigurtà organizzati mill-Istati Membri, in-NU u/jew sħab oħra.
- 2.4. L-implimentazzjoni ta' miżuri fl-oqsma tal-proċeduri ta' ġestjoni ta' kriżijiet, inklużi aspetti ta' evakwazzjoni.
- 2.5. Id-definizzjoni ta' miżuri tekniċi u s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet fl-oqsma tas-sigurtà tal-persuni, l-assi jew l-informazzjoni.
- 2.6. L-iżgurar tal-kompletezza, il-puntwalità u l-fattibbiltà tal-pjanijiet ta' kontinġenza tad-Delegazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li l-persunal jiġi infurmat u jiġu eżerċitati l-pjanijiet.
- 2.7. L-iżgurar tar-rispett tal-proċeduri ta' sigurtà f'każ ta' kriżi fid-Delegazzjoni tal-UE (u/jew l-Uffiċċju) fi hndan il-kompetenza ġeografika u s-superviżjoni tal-aġġornament tal-listi tal-persunal espatrijat u l-familji f'każ ta' evakwazzjoni.
- 2.8. Is-sensibilizzazzjoni, l-għoti ta' pariri u t-taħriġ ta' persunal espatrijat u persunal ieħor dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni u sigurtà.
- 2.9. Il-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà u ż-żamma tal-Kwartieri Ġenerali u l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet (u/jew l-Uffiċċji) fil-qasam tar-responsabbiltà ġeografika infurmati regolament permezz ta' rapportar bil-fomm u bil-miktub.
- 2.10. It-tnejn u l-aġġornament regolari tal-valutazzjonijiet tat-theddid lokali u l-valutazzjonijiet tar-riskju għas-sigurtà, f'pajjiżi taħt responsabbiltà ġeografika. It-tfassil, l-evalwazzjoni u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni.

## **OPERAZZJONIJIET TA' SIGURTÀ - FG II**

1. It-twettiq tal-operazzjonijiet taċ-Ċentru tal-emerġenza.
2. It-tħaddim u l-monitoraġġ tas-sistemi u l-applikazzjonijiet tas-sigurtà: sistemi ta' twissija bikrija, kontroll tal-aċċess, sistemi ta' allarmi u CCTV, detezzjoni ta' intrużjoni, komunikazzjoni bir-radju, eċċ.
3. Ir-rispons għal eventi ta' sigurtà f'konformità mal-istruzzjonijiet fis-seħħ.
4. Il-verifika tal-kwalità tas-servizzi tas-sigurtà.
5. It-tfassil ta' rapporti ta' inċidenti, l-abbozzar u s-segwitu ta' rapporti ta' sigurtà dwar eventi, anomaliji u kontrolli mwettqa matul is-servizz.
6. Il-kontribut għall-ġestjoni tar-riskju fil-qasam tas-sigurtà.
7. Il-monitoraġġ tal-aċċess għall-entraturi tal-bini u s-swali tal-laqqgħat, il-parteċipazzjoni fis-sorveljanza tal-bini u l-faċilitajiet.
8. Il-parteċipazzjoni f'investigazzjonijiet ta' sigurtà.
9. Il-forniment ta' servizzi ta' protezzjoni mill-qrib għall-VIP.

## **SIGURTÀ TEKNIKA - FG IV**

1. It-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tat-tħeddid u l-analiżi tar-riskju fi speċifikazzjonijiet tekniċi jew proċeduri operazzjonali.
2. It-tħejjija, il-koordinazzjoni, il-ġestjoni u t-tfassil ta' proġetti tekniċi ta' sigurtà.
3. Il-formulazzjoni u l-iżvilupp ta' standards tekniċi ta' sigurtà minimi.
4. Il-ġestjoni tal-installazzjoni, is-supervizzjoni tal-operazzjonijiet, l-operat u l-manutenzjoni ta' sistemi tekniċi ta' sigurtà.

## **SIGURTÀ TEKNIKA - FG III**

1. It-twettiq ta' valutazzjoni teknika tar-riskju għas-sigurtà u l-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għal proġetti ta' sigurtà teknika.
2. Il-monitoraġġ ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni u installazzjonijiet fil-qasam tat-tagħmir ta' sigurtà u s-sikurezza.
3. Il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet u l-manutenzjoni ta' sistemi u prodotti ta' sigurtà teknika.

## **SIGURTÀ TEKNIKA - FG II**

1. Il-kontribut għall-analiżi tar-riskju għas-sigurtà teknika.
2. Il-monitoraġġ ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-installazzjoni ta' sistemi u tagħmir fil-qasam tas-sigurtà u s-sikurezza.
3. Il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet u l-manutenzjoni ta' sistemi u prodotti ta' sigurtà teknika.

## **INFORMAZZJONI U S-SIGURTÀ TAD-DOKUMENTI - FG IV**

1. L-abbozzar ta' politiki ta' sigurtà, standards, u dokumenti relatati.
2. It-tfassil, l-analiżi, l-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' kontrolli tas-sigurtà adattati għal-livell ta' riskju vvalutat fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni u tad-dokumenti.
3. L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-integrazzjoni tal-prodotti tas-sigurtà, inkluż it-titjib ta' għodod speċifiċi tas-sigurtà (fost l-oħrajn l-użu ta' soluzzjonijiet b'sors miftuħ fil-qasam tas-sigurtà tal-IT).
4. L-iżvilupp ta' proċeduri u sistemi għat-trattament ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, it-tfassil ta' servizzi siguri ta' amministrazzjoni u monitoraġġ tas-sistema.

## **INFORMAZZJONI U SIGURTÀ TAD-DOKUMENTI - FG III**

1. Il-kontribut għall-abbozzar tal-politiki u l-implimentazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni u tad-dokumenti.
2. L-iżgurar ta' prestazzjoni tajba tas-servizzi li għandhom l-għan li jitrattaw informazzjoni klassifikata tal-UE li tikkontribwixxi għall-iżvilupp, l-amministrazzjoni u l-użu xieraq ta' Sistemi ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni Klassifikati.

## **SIGURTÀ TAL-IT - FG IV**

1. L-abbozzar ta' politiki ta' sigurtà, standards, u dokumenti relatati.
2. It-tfassil, l-analiżi, l-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' kontrolli tas-sigurtà adattati għal-livell ta' riskju vvalutat fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni u tad-dokumenti.
3. L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-integrazzjoni tal-prodotti tas-sigurtà, inkluż it-titjib ta' għodod speċifiċi tas-sigurtà (fost l-oħrajn l-użu ta' soluzzjonijiet b'sors miftuħ fil-qasam tas-sigurtà tal-IT).
4. It-twettiq ta' valutazzjoni perjodika tas-sigurtà, awditi tas-sigurtà tal-IT, spezzjonijiet tas-sigurtà tal-IT, ġestjoni u valutazzjoni tal-vulnerabbiltà, ittestjar tal-penetrazzjoni.
5. L-identifikazzjoni ta' inċidenti ta' sigurtà tal-IT, il-koordinazzjoni tar-rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-IT u l-investigazzjonijiet tal-inċidenti.

## **SIGURTÀ TAL-IT - FG III**

1. L-assistenza fl-abbozzar ta' politiki ta' sigurtà, standards, u dokumenti relatati.
2. L-assistenza fit-tfassil, l-analiżi, l-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' kontrolli tas-sigurtà adattati għal-livell ta' riskju vvalutat fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni u tad-dokumenti.
3. L-assistenza fl-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-integrazzjoni tal-prodotti tas-sigurtà, inkluż it-titjib ta' għodod speċifiċi tas-sigurtà (fost l-oħrajn l-użu ta' soluzzjonijiet b'sors miftuħ fil-qasam tas-sigurtà tal-IT).
4. L-assistenza fil-valutazzjoni perjodika tas-sigurtà, awditi tas-sigurtà tal-IT, spezzjonijiet tas-sigurtà tal-IT, ġestjoni u valutazzjoni tal-vulnerabbiltà, ittestjar tal-penetrazzjoni.
5. L-assistenza fl-identifikazzjoni ta' inċidenti ta' sigurtà tal-IT, il-koordinazzjoni tar-rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-IT u l-investigazzjonijiet tal-inċidenti.
6. It-twettiq ta' verifiki speċjalizzati u investigazzjonijiet ta' sigurtà relatati mas-sigurtà tal-IT."